

# Żvilupp ta' sett ta' indikaturi
## – għall-edukazzjoni inklużiva fl-Ewropa



# Żvilupp ta' sett ta' indikaturi

## – għall-edukazzjoni inklużiva fl-Ewropa

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni
Għal Ħtiġijiet Speċjali

Dan ir-rapport kien żviluppat fil-kuntest ta' proġett li kellu fondi mill-Programm tat-Tagħlim ta' Matul il-Ħajja (numru tal-proġett 135749-LLP-1-2007-1-DK-COMENIUS-CAM) tal-Kommunità Ewropea. Ir-responsabiltà ewlenija għall-kontenut tar-rapport hija tal-awturi. L-Aġenzija eżekuttiva mhijiex responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni li nsibu hawnhekk.

Education and Culture DG

Lifelong Learning Programme

Il-produzzjoni ta' dan id-dokument kienet sostnuta mid-DG Education and Culture of the European Commission: http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/index_en.htm

Dan ir-rapport kien editjat minn Mary Kyriazopoulou u Harald Weber, Managers tal-Proġett tal-Agency, fuq il-bażi tas-sehem mill-membri tal-Bord Rappreżentattiv tal-Agency, il-Koordinaturi Nazzjonali u l-Esperti Nazzjonali fil-qasam tal-indikaturi li kienu nnominati għal dan il-għan. Għal aktar dettalji dwar kuntatti jekk jogħġbok ara l-lista tal-kontributuri li hemm fl-aħħar tad-dokument.

Wieħed jista' jieħu estratti mid-dokument darba waħda ssir referenza ċara għas-sors. Wieħed għandu jirreferi għal dan ir-rapport bħala: Kyriazopoulou, M. and Weber, H. (editors) 2009. *Żvilupp ta' sett ta' indikaturi' – għal edukazzjoni inklużiva fl-Ewropa*, Odense, Denmark: European Agency for Development in Special Needs Education.

Bil-għan li wieħed ikollu aċċess aħjar għall-informazzjoni, dan ir-rapport jista' jinkiseb f'format elettroniku sħiħ kif ukoll f'21 lingwa. Verżjonijiet elettroniċi f'dan ir-rapport jistgħu jinksibu mill-*website* tal-Agency: http://www.european-agency.org/publications/ereports

L-istampa tal-qoxra: Virginie Mahieu, student fl-iskola EESSCF, Verviers, il-Belġju

ISBN: 978-87-92387-85-1 (Elettroniku)
ISBN: 978-87-92387-65-3 (Ipprintjat)

2009

**European Agency for Development in Special Needs Education**

| Secretariat | Brussels Office |
|---|---|
| Østre Stationsvej 33 | 3 Avenue Palmerston |
| DK-5000 Odense C Denmark | BE-1000 Brussels Belgium |
| Tel: +45 64 41 00 20 | Tel: +32 2 280 33 59 |
| secretariat@european-agency.org | brussels.office@european-agency.org |

**www.european-agency.org**

## KONTENUT


**1. PREFAZJU** ..... 5
**2. INTRODUZZJONI** ..... 7
**3. QAFAS U RAZZJONAL** ..... 9
**4. GĦANIJIET U OBJETTIVI** ..... 11
**5. KUNĊETTI U DEFINIZZJONIJIET** ..... 13
5.1 Inklużjoni ..... 13
5.2 Indikaturi tal-policy ..... 14
**6. INDIKATURI GĦALL-SNE U EDUKAZZJONI INKLUŻIVA** ..... 18
**7. INDIKATURI TA' ŻVILUPP FIL-QAFAS TAL-PROĠETT** ..... 21
7.1 Oqsma ..... 24
7.2 Ħtiġijiet ..... 25
7.3 Indikaturi ..... 27
**8. RABTIET PROĊEDURALI MAL-PROĠETTI TEMATIĊI** ..... 34
**9. PASSI OĦRA** ..... 36
**REFERENZI** ..... 40
**GLOSSARJU** ..... 42
**ESPERTI PARTEĊIPANTI** ..... 43

# 1. PREFAZJU

Dan ir-rapport fih is-sejbiet ewlenin ta' proġett li sar mill-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali, fuq talba tal-membri tal-Bord Rappreżentattiv, fuq is-suġġett ta' 'Żvilupp ta' sett ta' indikaturi – għal edukazzjoni inklużiva[1] fl-Ewropa'. Il-proġett kellu fondi mill-Programm tat-Tagħlim Matul il-Ħajja, ipprovdut mid-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura tal-Kummissjoni Ewropea.

Ir-rappreżentanti mill-ministeri tal-edukazzjoni li huma involuti fix-xogħol tal-Agency esprimew l-interess fl-iżvilupp ta' sett ta' indikaturi fil-qasam tal-edukazzjoni inklużiva, biex jintużaw bħala għodda għall-monitoraġġ tal-iżviluppi tagħhom fil-policy u l-prattika addattati fil-pajjiż li jkun. Barra minn hekk, sett ta' indikaturi jistgħu wkoll jipprovdu għodda fil-livell Ewropew biex l-Agency tkun tista' tiġbor data fuq żviluppi ta' pajjiżi magħżula.

B'kollox 23 pajjiż – l-Awstrija, il-Belġju (il-komunitajiet li jitkellmu bil-Fjammingu u l-Franċiż), Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Dannimarka, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Islanda, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, l-Olanda, in-Norveġja, il-Portugal, Spanja, l-Isvezja, l-Isvizzera u r-Renju Unit (l-Ingilterra u l-Iskozja) – kienu involuti fl-attivitajiet tal-proġett bin-nominazzjoni ta' 32 espert nazzjonali għall-proġett. Dettalji tal-kuntatt tal-esperti qegħdin fl-aħħar tar-rapport, ara paġna 43. Ix-xogħol tagħhom, flimkien ma' dak tal-membri tal-Bord Rappreżentattiv tal-Agency u l-Koordinaturi Nazzjonali, huma apprezzati ħafna. Il-kontribuzzjonijiet tagħhom kollha assiguraw is-suċċess tal-proġett tal-Agency.

Dan ir-rapport jippreżenta l-qafas u r-razzjonal, l-għanijiet u l-objettivi, kif ukoll il-metodoloġija użata u sett inizjali ta' indikaturi fi tliet oqsma (leġiżlazzjoni, parteċipazzjoni, iffinanzjar) tal-edukazzjoni inklużiva. Issa hemm ippjanat xogħol għal skop ta' 'follow up' għal dan is-sett inizjali ta' indikaturi bil-għan li dawn jiġu attwati billi jiġu żviluppati indikaturi speċifiċi u b'hekk jingħen il-monitoraġġ fil-livelli nazzjonali u Ewropej.

[1] Matul ir-rapport il-kunċett ta' edukazzjoni inklużiva jintuża fl-istess linja tal-Istqarrija Salamanca (1994) u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (2006). Dan ifisser li edukazzjoni inklużiva hija għan li l-pajjiżi kollha qegħdin jaħdmu għalih. Huwa fatt magħruf u aċċettat li l-edukazzjoni inklużiva hija proċess kontinwu – mhux riżultat aħħari – u l-policies u l-prattika ta' pajjiżi huma fi stadji differenti fil-proċess ta' dan l-iżvilupp.

Aktar tagħrif dwar l-attivitajiet tal-proġett qegħdin fil-qasam tal-web tal-proġett: www.european-agency.org/agency-projects/indicators-for-inclusive-education

**Cor Meijer**

Direttur

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali

## 2. INTRODUZZJONI

L-intenzjoni ta' dan ir-rapport hija li tippreżenta r-riżultati ewlenin, il-qafas u r-razzjonal, l-għanijiet u l-objettivi, kif ukoll il-metodoloġija użati fil-proġett mill-Agency li eżaminat is-suġġett 'Żvilupp ta' sett ta' indikaturi' – għal edukazzjoni inklużiva fl-Ewropa'.

L-għan tal-proġett, kif maqbul mir-rappreżentanti tal-pajjiżi tal-Agency, kien li jiżviluppa metodoloġija li kellha twassal għal sett ta' indikaturi fil-livell nazzjonali, iżda li fl-istess ħin ikunu applikabbli fil-livell Ewropew, b'aċċenn ċar fuq il-kundizzjonijiet tal-policy li jistgħu jsostnu, jew ifixklu l-iżvilupp ta' edukazzjoni inklużiva fl-iskejjel. Għadd ta' istituzzjonijiet Ewropej u internazzjonali daħlu għall-biċċa tax-xogħol li jiżviluppaw l-indikaturi f'oqsma speċifiċi ta' policy. Il-proġett bena fuq dawn l-esperjenzi biex jiżviluppa indikaturi fil-qasam tal-edukazzjoni inklużiva. Minħabba f'hekk il-proġett għandu żewġ għanijiet aħħarin ewlenin: l-ewwel, l-iżvilupp u t-twettiq ta' approċju minn isfel għal fuq biex jidentifika indikaturi relevanti bbażati fuq il-ftehim bejn l-esperti mill-pajjiżi membri tal-Agency. It-tieni, sett inizjali ta' indikaturi f'dan il-qasam b'indikazzjonijiet fuq kif tagħmilhom li jistgħu jitkejlu (jiġifieri jkunu addattati għal skop ta' monitoraġġ).

B'kollox, 23 pajjiż innominaw 32 espert biex jipparteċipaw fix-xogħol tal-proġett. Bil-ħidma esperta u l-kompetenza tagħhom huma għenu bis-sħiħ fir-riflessjonijiet u d-diskussjonijiet tal-laqgħat dwar il-proġett u l-gruppi ta' ħidma, kif ukoll għall-iżvilupp tal-metotoloġija u r-riżultati ewlenin tal-proġett. Mingħajr is-sehem tagħhom, l-iżvilupp tal-proġett ma kienx ikun possibbli.

Dan ir-rapport huwa organizzat b'dan il-mod: wara l-prefazju fis-sezzjoni 1 u din l-introduzzjoni (sezzjoni 2), sezzjoni 3 tagħti dehra ġenerali tal-qafas u r-razzjonal li ħadem lejn il-għan tal-proġett, segwit minn sezzjoni 4 li tippreżenta l-għanijiet u l-objettivi. Sezzjoni 5 tippreżenta l-kunċetti u d-definizzjonijiet ewlenin użati fil-proġett. Sezzjoni 6 tagħti eżempji ta' indikaturi oħra żviluppati fil-livelli Ewropej/internazzjonali fl-oqsma tal-edukazzjoni bi ħtiġijiet speċjali. Il-qafas u l-metodoloġija użati biex jiġu żviluppati indikaturi għall-kundizzjonijiet ta' edukazzjoni inklużiva fi ħdan il-proġett huma spjegati f'sezzjoni 7, u jinkludu fihom is-sett ta' indikaturi fit-tliet oqsma tal-edukazzjoni inklużiva: leġiżlattiva, parteċipattiva u ta' ffinanzjar.

Sezzjoni 8 tispjega kif l-approċju applikat f'dan il-proġett jikkorrispondi ma' xogħol tal-Agency kemm tal-imgħoddi kif ukoll tal-ġejjieni f'dak li għandu x'jaqsam ma' proġetti tematiċi u l-għanijiet aħħarin tagħhom. L-aħħar sezzjoni għandha x'taqsam mal-kwistjoni ta' liema passi huma meħtieġa biex jiġu applikati s-sett ta' indikaturi fil-kuntest tal-monitoraġġ.

Dan ir-rapport għandu gruppi-fil-mira differenti. Huwa strutturat b'tali mod li qarrej interessat fil-kunċetti li fih u l-proċess tal-iżviluppar ta' indikaturi jista' jaqra s-sezzjonijiet fl-ordni naturali tagħhom. Dawk il-qarrrejja li huma l-aktar interessati fis-sett ta' indikaturi qegħdin jiġu rreferuti direttament għal sezzjoni 7. Sezzjonijiet 8 u 9 juru kif ix-xogħol ippreżentat jidħol fl-attivitajiet li għandha bħalissa l-Agency u x'passi oħra huma meħtieġa fil-proċess tal-iżvilupp ta' indikaturi operazzjonali.

## 3. QAFAS U RAZZJONAL

L-edukazzjoni inklużiva mhijiex fenomenu statiku. Ilha tiżviluppa b'modi differenti u għadha tiżviluppa. F'aspetti oħra ta' xogħol tal-Agency (per eżempju Watkins, 2007) jingħad ċar u tond li '*Fl-edukazzjoni inklużiva nsibu bidla kontinwa fil-pajjiżi kollha f'dik li hija konċezzjoni politika u prattika*.' (p. 20) Ħafna pajjiżi qegħdin fil-proċess li jaraw mill-ġdid u jbiddlu l-policies u l-leġiżlazzjoni għall-edukazzjoni inklużiva, ibbażata jew fuq l-għarfien u l-esperjenza minn proġetti-pilota għaddejjin il-ħin kollu, jew bl-introduzzjoni ta' strateġiji finanzjarji ġodda għal ħtiġijiet edukattivi speċjali (SNE), jew billi jwettqu policies/liġijiet dwar sistemi ta' kwalità u monitoraġġ fl-edukazzjoni. Il-proċessi tal-bidla, madankollu, jinħtieġu għodod għal żviluppi ta' monitoraġġ rispettiv.

L-għodod tal-monitoraġġ ħafna drabi huma bbażati fuq sett ta' indikaturi li jkunu mkejla perjodikament biex jiċċekkjaw jekk il-miri mistennija ntlaħqux jew le. Madankollu, bħalissa hemm ftit ħafna indikaturi kwalitattivi jew kwantitattivi fil-qasam tal-SNE u l-edukazzjoni inklużiva fil-livell Ewropew. Il-ħtieġa ta' għodda ta' monitoraġġ hija riflessa fl-riżultati aħħarin tal-istħarriġ li sar mal-Ewropa kollha, mill-Agency fl-2006. L-istħarriġ kellu l-għan li jiġbor is-sehem tal-pajjiżi membri tal-Agency dwar aspetti kurrenti, li qegħdin jiżviluppaw kif ukoll dawk future, flimkien ma' xejriet ġodda li għandhom jiġu investigati fil-qasam tal-edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali. L-aspetti u x-xejriet identifikati fl-istħarriġ intgħażlu fid-dawl ta' prijoritajiet nazzjonali individwali għal ħtiġijiet edukattivi speċjali, kif ukoll fil-livell ta' prioritajiet Ewropej għall-edukazzjoni identifikati mill-Kunsill Ewropew (2000). Il-ministeri tal-edukazzjoni minn 22 pajjiż Ewropew ipparteċipaw fl-istħarriġ. Mir-riżultati aħħarin, kien hemm indikazzjoni ċara li l-pajjiżi kienu partikolarment interessati fl-iżvilupp tal-indikaturi fil-qasam tal-edukazzjoni inklużiva.

Dan ir-riżultat huwa fil-linja tad-dokument 'Edukazzjoni u Taħriġ fl-Ewropa: sistemi diversi, għanijiet komuni għall-2010: Il-programm ta' xogħol fuq l-objettivi tal-futur għall-edukazzjoni u s-sistemi ta' taħriġ' (Kummissjoni Ewropea, 2002) li juri b'mod ċar dak li jinħtieġ isir biex jintlaħaq it-tieni objettiv strateġiku mqajjem mill-istati Membri: *L-iffaċilitar tal-aċċess ta' kulħadd għall-edukazzjoni u s-sistemi tat-taħriġ*. L-objettiv 2.3. Jiġu sostnuti: ċittadinanza attiva, opportunitajiet indaqs u koeżjoni soċjali: '*L-edukazzjoni u sistemi ta' taħriġ*

*għandhom rwol importanti fis-sosteniment tas-soċjetajiet demokratiċi fl-Ewropa. Prinċipju bażiku li jinħtieġ li jiġi msaħħaħ mill-ġdid huwa li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess ugwali għall-edukazzjoni u t-taħriġ. Dan ifisser li fl-istati Membri trid tingħata attenzjoni speċjali lis-sosteniment ta' gruppi u individwi vulnerabbli, b'mod partikolari dawk li jkollhom diżabilitajiet u diffikultajiet fit-tagħlim.*' (p. 25)

Dan il-proġett huwa ddisinjat bħala l-ewwel pass biex il-pajjiżi jingħataw l-informazzjoni li s'issa m'għandhomx fuq indikaturi f'dan il-qasam bħala bażi biex jiġu mmonitorjati l-iżviluppi fil-pajjiżi tagħhom. Barra minn hekk, informazzjoni li tkun marbuta ma' indikaturi hija qasam li qiegħed jingħatalu dejjem aktar attenzjoni minn entitajiet u organizzazzjonijet – bħalma huma l-Kummissjoni Ewropea.

Dan il-proġett ma jipprovdix informazzjoni dwar l-inklużjoni bħala tali, imma jipprova jippreżenta proċedura għal żvilupp ta' indikaturi, billi juża approċju 'minn-isfel-għal-fuq', u proposta għal sett inizjali ta' indikaturi.

## 4. GĦANIJIET U OBJETTIVI

L-għanijiet tal-proġett – kif diskussi u maqbula mill-pajjiżi membri tal-Agency u l-esperti tal-proġett – kienu l-iżvilupp ta' sett ta' indikaturi fil-livell nazzjonali, imma applikabbli fil-livell Ewropew, b'għan speċifiku fuq il-kundizzjonijiet tal-policy li jistgħu jsostnu jew itellfu l-iżvilupp ta' edukazzjoni inklużiva fl-iskejjel.

B'mod partikolari, il-proġett kellu l-għan li jiżviluppa:

- Qafas u metodoloġija biex jiżviluppaw indikaturi għal dan il-proġett kif ukoll bħala proġett tematiku għall-futur tal-Agency fil-qasam tal-edukazzjoni inklużiva;
- Sett inizjali ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi għall-kundizzjonijiet ta' policy ta' edukazzjoni inklużiva biex jintużaw fil-livell nazzjonali;
- Sett iċken ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi ewlenin li jirrigwardjaw l-kundizzjonijiet tal-policy għal edukazzjoni inklużiva li għandhom jintużaw fil-livell Ewropew.

Is-sett ta' indikaturi żviluppati fil-proġett:

- Hu bbażat fuq r-riżultati aħħarin tax-xogħol tal-proġett tal-Agency li sar qabel fil-qasam tal-edukazzjoni inklużiva;
- Sar bl-użu tar-riżultati aħħarin ta' Assemblea Ewropea ta' żgħażagħ bi ħtiġjiet edukattivi speċjali (*Young Voices: Inwieġbu għad-Diversità fl-Edukazzjoni,* Id-Dikjarazzjoni ta' Liżbona, 2007; Soriano et al., 2008);
- Kien żviluppat permezz ta' approċju 'minn-isfel-għal-fuq' fil-livell Ewropew biex jassigura l-applikabiltà għas-sistemi diversi tal-edukazzjoni madwar l-Ewropa.

Objettivi oħra tal-proġett u r-riżultati aħħarin kienu biex jużaw dawn l-indikaturi għal kundizzjonijiet ta' edukazzjoni inklużiva bil-għan li:

- Jipprovdu għodda għal pajjiżi biex jimmonitorjaw l-iżviluppi tagħhom fil-prattika u l-policy ibbażati fil-pajjiż tal-oriġini;
- Jipprovdu tiftix fil-fond tat-tliet oqsma ewlenin magħżula tal-edukazzjoni inklużiva: leġiżlattiva, finanzjarja u parteċipattiva;
- Jidentifikaw oqsma ewlenin fil-qasam tal-edukazzjoni inklużiva fejn irid isir akar xogħol;

- Jipprovdu għodda fil-livell Ewropew għall-Agency biex tikkunsidra li tiġbor data selettiva fuq l-iżviluppi tal-pajjiżi.

L-intenzjoni kienet li l-proġett jistabbilixxi l-bażi tal-iżvilupp ta' sett maqbul ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitiattivi, li kull wieħed minnhom ikun aċċettat mill-pajjiżi parteċipanti. Mgħammra b'indikaturi adattati, il-qasam tal-edukazzjoni inklużiva jkun jista' jinfetaħ għal tqabbil kostruttiv kif ukoll għal tagħlim mutwu (tagħlim minn naħa għal oħra u bil-kontra), minn approċji tajbin, (jiġifieri effettivi u ta' suċċess.) Kienet ukoll l-intenzjoni li l-proġett jipprovdi lil kull pajjiż individwali b'għodda li timmonitorja żviluppi fil-policy u l-prattika tagħhom. Filwaqt li għodod simili mibnija fuq indikaturi hemm iċ-ċana li jinstabu f'xi ftit pajjiżi, m'hemm l-ebda sett ta' indikaturi li wieħed jista' jikseb u li hemm qbil fuqhom bejn il-pajjiżi biex jiffaċilitaw il-proċess ta' tagħlim u l-paragun imsemmi hawn fuq. Dan l-iżvilupp imxierek, flimkien ma' indikaturi fil-livell Ewropew, jintqies bħala li jagħti valur Ewropew miżjud lill-proġett.

# 5. KUNĊETTI U DEFINIZZJONIJIET

## 5.1 Inklużjoni

L-interpretazzjoni ta' termini bħal edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali, edukazzjoni inklużiva jew skejjel inklużivi, ivarjaw ħafna mal-Ewropa kollha, għalhekk tqies bħala importanti u ta' ħtieġa fil-bidu tal-proġett li wieħed jiddiskuti, jikkjarifika u jaqbel fuq numru ta' kunċetti u d-definizzjonijiet rispettivi tagħhom kif żviluppati u użati f'aspetti oħra tax-xogħol tal-Agency li jista' jsostni l-iżvilupp tal-proġett tal-indikaturi.

L-iffukar tax-xogħol tal-Agency huwa mistqarr b'mod ċar fejn jidħlu l-iżviluppi ta' edukazzjoni bi ħtiġijiet speċjali. Filwaqt li wieħed jagħraf li edukazzjoni bi ħtiġijiet speċjali u ħtiġijiet edukattivi speċjali huma żewġ naħat tal-istess munita, ix-xogħol tal-Agency *hu ffukat fuq sistemi u proviżjoni* u mhux fuq tipi speċifiċi jew kategoriji ta' ħtiġijiet.

Id-definizzjonijiet u l-għarfien ta' dak li jintqies bħala edukazzjoni bi ħtiġijiet speċjali jvarjaw minn pajjiż għal ieħor. M'hemm l-ebda interpretazzjoni fuq termini bħal ħandikap, ħtieġa speċjali jew diżbalità li fuqhom hemm qbil bejn il-pajjiżi. F'aspetti oħra ta' xogħol ta' Agency (per eżempju Meijer, 2003) jinstqarr b'mod ċar li: '*Dawn id-differenzi huma marbuta mar-regolazzjonijiet amministrattivi, finanzjarji u proċedurali aktar milli jirriflettu varjazzjonijiet fl-inċidenza u t-tipi ta' ħtiġijiet edukattivi speċjali fil-pajjiżi.*' (p. 126)

Mix-xogħol tal-Agency sal-lum, huwa ċar li t-tendenza kurrenti fl-Ewropa hija li tiżviluppa policy li l-għand tagħha huwa l-inklużjoni tal-istudenti li jkollhom bżonn sostenn edukattiv speċjali fl-iskejjel mainstream, li jiġu pprovduti għalliema li jkollhom gradi ta' sostenn li jvarja skont l-istaff supplimentari, il-materjali, it-taħriġ ta' aġġornament u t-tagħmir.

Esperjenza miġbura minn ħafna pajjiżi turi li l-inklużjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ bi ħtiġijiet edukattivi speċjali tinkiseb l-aħjar fi skejjel inklużivi li jservu (kważi) it-tfal kollha fil-komunità. Huwa f'dan il-kuntest li dawk li jkollhom ħtiġijiet edukattivi speċjali jistgħu jiksbu progress edukattiv sħiħ kif ukoll inklużjoni soċjali.

Qbil fuq liema ambjenti jintqiesu bħala 'inklużivi' mhuwiex daqshekk ċar. F'aspetti oħra tax-xogħol tal-Agency (per eżempju Meijer, 2003) intużat id-definizzjoni operazzjonali ta' ambjenti inklużivi li tgħid li: '… *dawk l-ambjenti edukattivi fejn l-istudenti bi ħtiġijiet speċjali jsegwu*

*parti mil-kurrikulu tal-klassi mainstream flimkien ma' sħabhom li ma jkollhomx ħtiġijiet edukattivi speċjali.*' (p. 9)

Madankollu, is-serje ta' ambjenti u tipi ta' provedimenti evidenti li wieħed isib fil-pajjiżi jagħfsu bis-sħiħ fuq id-diffikultajiet enormi biex jitqabblu sitwazzjonijiet fl-Ewropa kollha. Il-pajjiżi kollha jinsabu '*f'punti differenti tal-vjaġġ għall-inklużjoni li tagħmel referenza għalihom l-Istqarrija Salamanca'* (Peacey, 2006). It-terminu 'inklużjoni' nnifsu ilu fuq vjaġġ sa minn mindu ġie inizjalment introdott f'kunest edukattiv. F'aspetti oħra x-xogħol tal-Agency (p.e. Watkins, 2007) wieħed isib argument ieħor fuq l-iżvilupp: '… *wieħed illum jifhem li dan jikkonċerna medda usa' ta' studenti li għandhom ċans ta' inklużjoni minn dawk identifikati bħala SEN.*' *(p. 16)* L-inklużjoni tista' tintqies bħala attentat biex wieħed imexxi l-ideat tal-edukazzjoni għal kulħadd lil hinn mill-'mainstreaming' fejn studenti jistgħu jiġu integrati – jiġifieri jkunu fl-istess lokazzjoni fiżika – imma mhux neċessarjament jaqsmu esperjenza edukattiva ma' sħabhom. L-inklużjoni timplika li studenti bl-SEN ikollhom 'aċċess għall-kurrikulu' fl-aħjar mod kif wieħed jilħaq il-ħtiġijiet tagħhom.

F'dal-proġett, kif ukoll fi proġetti oħra tal-Agency, il-UNESCO (1994), l-Istqarrija Salamanca (UNESCO, 1994) dwar l-edukazzjoni inklużiva il-prinċipju li jiggwida kien: '*Skejjel regolari b'din l-orjentazzjoni inklużiva huma l-aktar mod effettiv kif wieħed jikkumbatti attitudnijiet diskriminatorji, joħloq komunitajiet li jilqgħuk, jibnu soċjetà inklużiva u jiksbu edukazzjoni għal kulħadd; barra minn hekk, jipprovdu edukazzjoni effettiva għall-maġġoranza tat-tfal u jtejbu l-effiċjenza u l-effettività tal-infiq tas-sistema edukattiva kollha*.' (p. 8)

## 5.2 Indikaturi tal-policy

F'din is-sezzjoni, il-mudell input-proċess-riżultat-fil-mira (input-process-outcome), addattat għall-qasam tal-edukazzjoni, qiegħed jiġi applikat.

Fl-aħħar ta' dan ir-rapport qegħdin nagħtu glossarju tat-termini ewlenin użati f'dan it-test biex b'hekk nispjegaw aktar u niddefinixxu xi wħud mit-termini tekniċi użati f'dawn is-sezzjonijiet.

Is-sistema – ara Figura 1 – tikkonsisti minn tliet elementi: *Input u riżorsi* jindikaw l-aspetti kollha pprovduti għas-sistema biex jinkiseb ir-riżultat fil-mira. Fil-qasam tal-edukazzjoni, l-inputs u r-riżorsi jistgħu jkunu biss per eżempju, riżorsi finanzjarji, jew leġiżlazzjoni marbuta

mal-edukazzjoni, kif ukoll il-livell ta' kwalifikazzjoni tal-għalliema jew kwalunkwe aspetti infrastrutturali. Il-proċessi tal-edukazzjoni jibdlu dawn l-*inputs* u riżorsi f'*outputs* u *riżultati fil-mira*. Filwaqt li l-*outputs* jiddeskrivu miżuri ta' effiċjenza bħalma huma r-rati ta' parteċipazzjoni jew suċċess kurrikulari, dan ir-rapport jagħfas fuq ir-relevanza ta' aspetti ta' riżultat-mira li jenfasizza l-effetti, l-impatt jew il-konsegewenzi tal-input u l-proċessi, eż. il-litteriżmu akkademiku u funzjonali, l-indipendenza, jew iċ-ċittadinanza. *Il-Proċess* finalment jirreferi għall-attivitajiet edukattivi li jinkludu proċeduri, prattika f'livell ta' stat/skola/distrett, jew fil-livell istruttiv tal-prattika fil-klassi.




**Figura 1: Il-mudell input-proċess-riżultat fil-mira (Input-process-outcome model) għall-edukazzjoni**

*Il-monitoraġġ* jindika proċess sistematiku ta' sorveljanza perjodika jew kontinwa jew ittestjar biex jiddetermina l-livell jew valur ta' indikaturi b'għanijiet ta' kwalità jew miri ta' valuri. Il-monitoraġġ huwa attività essenzjali f'kull proċess ta' titjib kontinwu. Dan jgħin biex ikun hemm rabta mill-ġdid ma' dak li jkun diġà sar minn riżultati (intermedji) għal provediment ta' input/riżorsa u l-proċess tal-iddisinjar mill-ġdid (ara Figura 2). Il-monitoraġġ jista' jiġi applikat f'livelli differenti; eż. f'sistema edukattiva diċentralizzata l-monitoraġġ jista' jsir fil-livell reġjonali, jew kif ukoll fil-livell ta' skola. Barra minn hekk, ir-riżultati aħħarin tal-monitoraġġ jistgħu jkunu aċċessibbli għall-udjenzi kollha jew restritti għal dawk li jużawhom u li jkunu direttament involuti fl-immaniġġjar tal-proċessi edukattivi.




**Figura 2: Il-monitoraġġ tal-mudelli tal-input-proċess-riżultat fil-mira**

L-indikaturi fil-kuntest ta' dan il-proġett jistgħu jintqiesu bħala 'sensors' li huma ddisinjati u mqiegħda b'tali mod li jistgħu jagħrfu b'eżattezza xi tibdil li jsir. F'dan il-kuntest ta' sistema ta' monitoraġġ, l-indikaturi jgħinu lil min jużahom biex jiffoka fuq oqsma li jkunu jinħtieġu l-attenzjoni.

Konsegwenza ta' dan, l-indikaturi jinħtieġ li:

- Jagħfsu fuq l-oqsma kollha relevanti (jiġifieri ma jistax jkollhom oqsma mhux mistħarrġa 'blind spots' fejn il-bidliet jibqgħu mhumiex identifikati);
- Ikunu sensittivi biżżejjed biex jagħrfu b'eżattezza tibdiliet li jistgħu jiġru;
- Ikunu informattivi, jiġifieri jipprovdu evidenza dwar ir-raġuni ta' bidla.

Filwaqt li ħafna drabi jiġri li l-indikaturi jkunu primarjament orjentati lejn ir-riżultat (eż. indikaturi u benchmarks fuq il-monitoraġġ tal-progress lejn l-objettivi fl-edukazzjoni ta' Lisbona), waqtiet ikun hemm nuqqas ta' indikaturi relatati ma' input/riżorsi u n-naħa tal-proċess li jwassal biex nifhmu għala r-riżultati jinbidlu, jew ma jinbidlux.

Ir-raġunijiet għal dan huma minħabba l-fatt li fil-biċċa l-kbira tal-każi l-indikaturi tar-riżultati ma jistgħux jkunu *direttament* influenzati meta l-monitoraġġ juri diskrepanzi bejn l-valuri tal-indikatur tar-riżultat u l-valuri skedati. Tibdil fil-provediment tar-riżożrsi jew input kif ukoll tibdiliet fil-proċessi jintużaw biex (*indirettament*) jimmodifikaw in-naħa tar-riżultat. Għalhekk huwa important li nimmonitorjaw l-indikaturi f'dawn iż-żewġ oqsma l-oħra wkoll (ara Figura 3).




**Figura 3: Distribuzzjoni tal-indikatur fil-monitoraġġ**

Il-policies pubblici jistgħu jiġu definiti bħala sistema ta' liġijiet, miżuri regolatorji, miżuri ta' azzjonijiet u prijoritajiet ta' għoti ta' fondi. F'dan

ir-rigward, il-*leġiżlazzjoni* hija parti mill-policy. Il-liġi f'qasam partikolari tinkludi leġiżlazzjoni speċifika li nsibuha minsuġa fil-liġi kostituzzjonali u internazzjonali. Figura 4 turi kif din id-definizzjoni tidħol fil-mudell tal-input-proċess-riżultat. Ta' min jgħid li l-eżistenza ta' sistema ta' monitoraġġ fuq livell lokali/reġjonali/nazzjonali għandha wkoll tidher bħala parti mill-qafas tal-policy.




**Figura 4: Is-sistema tal-monitoraġġ b'aċċenn fuq il-policies**

*Il-leġiżlazzjoni* tista' wkoll tinftiehem bħala sistema li torbot flimkien aktar policies speċifiċi b'mod koerenti biex tassigura li l-għanijiet tal-policy individwali jistgħu attwalment jintlaħqu darba waħda l-policy titwettaq fil-prattika. L-aċċenn ewlieni għalhekk huwa aktar fuq kemm il-policies jirrelataw ma' xulxin, il-konsistenza fl-inizjattivi ta' policy differenti u s-sostenibiltà tal-inizjattivi tal-policy. Kif indikat qabel, fil-mudell imsemmi hawn fuq, il-leġiżlazzjoni hija meqjusa bħala aspett ta' input/riżorsi fl-edukazzjoni.

Minħabba l-iffukar tal-proġett fuq il-kundizzjonijiet tal-policy, l-indikaturi tar-riżultat hawnhekk huma ttrattati biss b'mod remot. Madankollu, kif il-Figuri 3 u 4 juru l-indikaturi tar-riżultat, dawn huma sorsi essenzjali għall-informazzjoni fis-sistema tal-monitoraġġ. Konsegwenza ta' dan, il-proġett kellu l-għan li jiżviluppa sett ta' indikaturi minn oqsma ta' input/riżorsi u minn proċessi li huma kompatibbli ma' indikaturi ta' riżultat oħra nazzjonali, Ewropej u internazzjonali. Fil-fatt, kull pajjiż li jagħmel użu mill-indikaturi li se niddeskrivu aktar tard fir-rapport ta' dan il-proġett, dawn jistgħu jżidu l-indikaturi tar-riżultat relatat tagħhom biex ikomplu s-sett tal-indikaturi tal-monitoraġġ.

## 6. INDIKATURI GĦALL-SNE U EDUKAZZJONI INKLUŻIVA

Biex ikollna stampa ġenerali kif inhuma l-aħħar żviluppi fil-qasam tal-indikaturi għall-SNE u l-edukazzjoni inklużiva, l-esperti tal-proġett intalbu jistudjaw u jidentifikaw xi eżempji ta' indikaturi relevanti, li ġew żviluppati fil-livell Ewropew u internazzjonali. Minn din il-ħarsa ritrospettiva, jidher li xi studji u xogħol ta' riċerka saru fil-qasam tal-indikaturi tal-SNE u l-inklużjoni, bil-għan li jsostnu u jtejbu l-kwalità tal-edukazzjoni f'ambjenti inklużivi. Is-settijiet differenti tal-indikaturi żviluppati għall-SNE u l-inklużjoni jiġbru fihom il-livelli tal-*input, il-proċess* u *l-output* kif ukoll *il-makro* (il-qafas leġiżlattiv, politiku u amministrattiv), *meso* (servizzi fil-livell ta' skola u komunità), *mikro* (klassi tal-iskola) u *persuna* (għalliema, studenti).

*Indiċi għall-Inklużjoni*

Booth u Ainscow (2002) żviluppaw għadd ta' indikaturi biex isostnu l-iżvilupp inklużiv tal-iskejjel. L-indiċi joffri lill-iskejjel proċess ta' sostenn għal skop ta' studju tiegħek innifsek u fejn wasalt, li jibni fuq l-ideat tal-istaff, l-istudenti u l-ġenituri, kif ukoll membri oħra al-komunitajiet tal-madwar. Dan jinvolvi eżami dettaljat ta' kif ix-xkilijiet għat-tagħlim u l-parteċipazzjoni jistgħu jitnaqqsu għal kull student. L-indikaturi għandhom 3 dimensjonijiet:

- *Il-ħolqien ta' kulturi inklużivi* (il-bini ta' komunitajiet, l-istituzzjonar ta' valuri inklużivi);

- *Il-produzzjoni ta' policies inklużivi* (l-iżvilupp ta' skejjel għal kulħadd, l-organizzazzjoni għal sostenn għad-diversità);

- *Il-bini gradat ta' prattiċi inklużivi* (l-orkestrazzjoni tat-tagħlim, il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi).

*Indikaturi ta' kwalità fl-SNE*

Hollenweger and Haskell (2002) żviluppaw numru ta' indikaturi ta' kwalità li jiġbru fihom l-aspetti ta' inputs u riżorsi, proċessi u riżulati edukattivi:

- *Inputs u riżorsi edukattivi*: policies, karatteristiċi tal-komunità, riżorsi, personnel, karatteristiċi tal-istudenti, karatteristiċi tal-familja;

- *Proċessi edukattivi:* il-prattika fil-livell ta' stat/id-distrett tal-iskola; il-bini tal-iskola – prattika fil-livell li jkun; prattika istruttiva fil-klassi; id-dominji orjentati lejn l-istudent;

- *Riżultati edukattivi għas-sistemi u l-individwi:* litteriżmu akkademiku u funzjonali, saħħa fiżika, responsabiltà u indipendenza, ċittadinanza, il-qagħda tajba personali u soċjali, is-sodisfazzjon.

*Drittijiet tad-Diżabiltà fil-Mudell Edukattiv*

Peters, Johnstone u Ferguson (2005) applikaw id-Drittijiet tad-Diżabiltà fil-Mudell Edukattiv (DREM), ibbażati fuq il-prinċipji ewlenin tal-edukazzjoni inklużiva, biex jipprovdu qafas f'ħafna livelli għall-evalwazzjoni tal-inklużjoni edukattiva ta' studenti bl-SEN fil-livelli lokali/ta' skola, nazzjonali u internazzjonali. Id-DREM huwa għodda għall-użu minn dawk li jagħmlu l-policy, edukaturi, membri tal-komunità u organizzazzjonijiet ta' nies b'diżabiltà. Id-DREM turi l-interrelazzjoni dinamika bejn ir-riżultati, ir-riżorsi, il-kuntesti u l-inputs.

Għal kull wieħed mit-tliet livelli (lokali, nazzjonali, internazzjonali) hemm numru ta' riżultati-miri relatati ma' xulxin (interrelated outcomes), kif ukoll numru ta' riżultati-miri li jgħinuk tibni l-kapaċitajiet tiegħek (enabling outcomes). Dawn jintużaw bħala katalisti, bil-għan li jiġi assigurat li l-proċess tat-tagħlim u t-tgħallim, jirriżulta fil-benefiċċji soċjali u individwali li huma meqjusa bħala r-riżultati-miri, ewlenin, mistennija mill-mudell. Ir-riżorsi, il-kuntesti u l-inputs l-oħra kollha jipprovdu l-materjal u l-kundizzjonijiet soċjali biex is-sistema tar-riżultati-miri u l-proċessi edukattivi tiġi rrealizzata.

Din mhijiex l-istampa ġenerali kollha, imma ftit eżempji indikattivi tax-xogħol li sar fl-iżvilupp edukattiv ta' oqsma ta' ħtiġijiet speċjali u edukazzjoni inklużiva, fil-livell Ewropew u internazzjonali, li nġabru mill-esperti tal-proġett. L-għan ta' din il-ħarsa ritrospettiva kien li jiġi identifikat sa liema livell is-sett ta' indikaturi eżistenti huma tajbin biex jintużaw fil-kuntest tal-proġett tal-Agency.

Barra l-livell Ewropew/internazzjonali, l-esperti tal-proġett intalbu biex jistudjaw dak li verament jista' jkun hawn fil-livell nazzjonali dwar indikaturi għal policy ta' kundizzjonijiet ta' edukazzjoni inklużiva f'dak li jirrigwardja l-indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi. Il-parteċipanti ssuġġerew li f'ħafna pajjiżi l-kwistjoni tal-'indikaturi' għandha importanza kbira fl-aġenda politika u huma żviluppaw, jew qegħdin fil-proċess li jiżviluppaw, indikaturi fil-qasam tal-edukazjoni inklużiva f'livelli differenti (eż. skola, klassi, eċċ.).

F'ħafna pajjiżi u fil-livell Ewropew u internazzjonali nsibu għadd ta' indikaturi li ġew żviluppati biex jimmonitorjaw l-edukazzjoni SNE/inklużiva f'livelli differenti, speċjalment fil-livelli ta' skejjel u

klassi. Madankollu, l-esperti tal-proġett għarfu li l-ebda wieħed mis-settijiet ta' indikaturi li hawn s'issa m'huwa tajjeb biex jittrasferixxi u jintuża f'kuntesti edukattivi nazzjonali oħra jew fil-livell Ewropew.

Insibu diversi raġunijiet għas-sitwazzjoni deskritta hawn fuq. Fost raġunijiet oħra wieħed jista' jsemmi l-iffukar speċifiku ta' xi wħud, (pereżempju fuq l-iskola u l-livell tal-klassi), jew safejn ikunu waslu f'dik li hija edukazzjoni inkluživa, (fosthom l-aspetti ewlenin li jsawru l-qasam tal-edukazzjoni inkluživa), eċċ. Barra minn hekk, l-ebda wieħed mis-settijiet ta' indikaturi studjati mill-esperti tal-proġett ma jintuża biex jimmonitorja l-kundizzjonijiet tal-policy tal-edukazzjoni inkluživa fil-livell nazzjonali.

# 7. INDIKATURI TA’ ŻVILUPP FIL-QAFAS TAL-PROĠETT

Dan il-proġett kellu l-għan li jippreżenta taħlita ta’ indikaturi mid-dimensjonijiet kollha, jiġifieri fil-biċċa l-kbira tagħhom mill-input/riżorsi u proċess, u fejn ikun hemm bżonn anke mill-outputs/riżultati-miri. Għal din ir-raġuni l-proġett adotta approċju minn-isfel-għal-fuq, u ra li jkopri l-qasam tal-edukazzjoni inklużiva fit-totalità tagħha.




**Figura 5: Żvilupp ta’ indikaturi**

Bil-għan li jintlaħaq l-għan tal-proġett li jinbena sett ta' indikaturi għal kundizzjonijiet ta' monitoraġġ ta' policy fl-Agency, l-esperti tal-proġett identifikaw bħala l-ewwel pass *l-oqsma* kollha li għandhom bżonn aktar attenzjoni fil-proċess tal-iżvilupp tal-indikatur. Kull qasam, imbagħad, ġie maqsum fi *ħtiġijiet* relevanti li essenzjalment jippreżentaw kwalità ta' policy fil-qasam rispettiv. Fl-aħħar ġew żviuppat indikaturi li jgħinu biex jidentifikaw *kundizzjonijiet* ta' policy favorevoli għal edukazzjoni inklużiva. Pass tal-aħħar – li ma kienx ippjanat li jsir fil-kuntest tal-proġett, imma f'xogħol skedat bħala follow-up – huwa li jiġi identifikat *indikatur speċifiku* jew aktar għal indikatur, biex b'hekk jiġi ffaċilitat it-tikjil u t-tixbih jew ma' tikjil li jkun sar aktar kmieni, jew ma' data minn pajjiżi oħra.

L-istudju tal-edukazzjoni permezz ta' tqassim f'oqsma, ħtiġijiet, indikaturi u indikaturi speċifiċi kif ukoll l-approċju tal-iżvilupp f'dan il-proġett qegħdin f'Figura 5. F'dan li ġej dawn il-livelli ġerarkiċi huma spjegati aktar.

*Oqsma*

Waqt il-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma, il-parteċipant identifikaw numru ta' oqsma – ibbażati fuq id-diskussjoni bejn l-esperti – li kienu meqjusa bħala importanti fil-qasam tal-edukazzjoni inklużiva u li kellhom jittieħdu inkonsiderazzjoni. L-oqsma identifikati ewlenin jiġbru l-aspetti ewlenin tal-edukazzjoni inklużiva u jipprovdu l-qafas tal-kontenut biex jidentifikaw u jiddefinixxu l-ħtiġijiet tal-policy li jistgħu jsostnu jew ixekklu l-iżvilupp tal-edukazzjoni inklużiva fl-iskejjel. L-oqsma identifikati huma llistjati f'sezzjoni 7.1.

Minħabba l-limitazzjonijiet tal-ħin tal-proġett, kif ukoll minħabba l-programm ta' xogħol multi-annwali tal-Agency, proġetti tematiċi oħra u aġġornamenti ta' proġetti skedati diġà li se jkollhom x'jaqsmu ma' dawn l-argumenti, kien deċiż li tingħata prijorità u jsir iffukar fuq sottosett ta' dawn l-oqsma. Id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq ir-relevanza perċeputa mill-esperti parteċipanti u kienet influenzata mill-pjanijiet tal-Agency għal attivitajiet futuri tal-proġett. Il-parteċipanti qablu li jiffukaw fuq oqsma ta' *leġiżlazzjoni, parteċipazzjoni,* u *ffinanzjar.*

*Ħtiġijiet*

Il-ħtiġijiet jiddeskrivu l-kundizzjonijiet essenzjali għall-edukazzjoni inklużiva. Il-mod kif il-ħtiġijiet huma espressi jesprimi l-livelli ta' kwalità meħtieġa wkoll – per eżempju: *konsistenza sħiħa* ta'

leġiżlazzjoni nazzjonali fuq edukazzjoni bi ftehimiet internazzjonali. L-esperti tal-proġett iltaqgħu darbtejn fiż-żmien li dam il-proġett u identifikaw sett ta' ħtiġijiet għat-tliet oqsma magħżula. Is-settijiet ta' ħtiġijiet li rriżultaw fl-aħħar ġew studjati mill-Grupp tal-Pariri tal-Proġett u ġew irristrutturati mill-ġdid biex ma jkunx hemm kuntradizzjonijiet jew ħwejjeġ li jidħlu f'xulxin. Il-ħtiġijiet kollha li ġew identifikati huma mogħtija f'sezzjoni 7.2.

Ovvjament insibu diversi modi li bihom jintlaħqu *l-ħtiġijiet* miġbura. Il-proġett kellu l-għan ukoll – dejjem fejn kien possibbli fil-ħin li kien hemm – li jiġbor modi alternattivi li jimplimenta l-biċċa l-kbira tal-ħtiġijiet.

*Indikaturi*

L-indikaturi juru aspetti li jippreżentaw kostitwent wieħed jew aktar tal-ħtieġa li tkun (eż. konsistenza ma' ftehimiet internazzjonali). Ma fihomx stqarrija ta' kwalità, lanqas ma jippredeterminaw jekk l-indikaturi speċifiċi tat-tikjil huma ta' natura kwalitattiva jew kwantitattiva. Madanakollu, l-indikaturi jidentifikaw/isemmu l-aspett partikolari li jkun hemm il-ħtieġa li jiġi assessjat jew immonitorjat (eż. il-konsistenza). Għadd ta' indikaturi jistgħu jiġu assoċjati mal-ħtiġijiet ta' xulxin. Il-lista ta' indikaturi nsibuha f'sezzjoni 7.3.

*Indikaturi speċifiċi*

L-indikaturi speċifiċi jagħmlu lill-indikatur rispettiv operazzjonali, jiġifieri jkun jista' jitħaddem. Kull indikatur jista' jkollu indikatur speċifiku wieħed jew aktar, kull wieħed ikun jew kejl kwalitattiv jew kwantitattiv.

Indikaturi speċifiċi li huma ta' natura kwalitattiva (eż. livell ta' konsistenza) jinħtieġu proċess li biex jagħmluhom operazzjonali jridu jkunu bbażati fuq total ta' skala ta' valuri lesti minn qabel (jiġifieri skala ordinali). Il-valuri ta' skala li jiġu definiti għandhom ordni totali, eż. billi jużaw lejbils bħal 'fqir', 'medju' jew 'tajjeb' biex tiġi espresso l-ordni kif ukoll il-livell ta' kwalità. Skali kwalitattivi minimi fihom żewġ valuri biss, eż. 'jeżisti' u 'ma jeżistix', jew 'iva' u 'le'. Listi ta' indikaturi speċifiċi li jagħmlu użu minn skali kwalitattivi minimi jistgħu wkoll jidhru bħala checklists.

Indikaturi speċifiċi kwantitattivi jiġu dejjem iddisinjati bħala proporzjon bejn żewġ fatturi kwantifikabbli – dan jagħmel l-indikatur speċifiku

indipendenti mid-daqs tal-popolazzjoni li wieħed ikun qiegħed iħares lejha fl-indikatur.

Ir-riżultat fih innifsu ma jipprovdix informazzjoni immedjata fuq jekk il-valur miksub u osservat għandux jintqies bħala tajjeb jew le. Pjuttost, it-tqabbil ma' valuri oħra jiffaċilita l-asessjar tal-indikatur kwantitattiv speċifiku. It-tqabbil jista' jsir jew ma' valuri tal-istess pajjiż imkejjel fi żmenijiet differenti (eż. fil-kuntest ta' analiżi ta' moda) biex jiddetermina jekk ċerta sitwazzjoni tiżviluppax fid-direzzjoni mistennija, jew b'valuri ta' pajjiżi oħra biex jiġi ffaċilitat il-benchmarking u t-tgħallim reċiproku.

Minħabba l-isforzi immensi li jinħtieġu biex jiġu żviluppati indikaturi speċifiċi ta' livelli ta' kwalità suffiċjenti, dan ix-xogħol ma kienx skedat għal dan il-proġett li kellu jdum sena.

### 7.1 Oqsma

Il-lista t'hawn taħt tidentifika selezzjoni ta' oqsma meqjusa bħala relevanti għall-edukazzjoni inklużiva fil-livell ta' policy. Dan ma jfissirx li jirrappreżentaw lista kompluta jew li neċessarjament fihom l-aspetti kollha tal-istess natura, relevanza jew livell. Madankollu, l-aspetti elwenin kollha diskussi fost it-32 espert matul il-proġett jidħlu taħt dawn it-titli;

1. Leġiżlazzjoni u bilanċ/konsistenza bejn l-edukazzjoni inklużiva u inizjattivi ta' policy oħra.
2. Policy nazzjonali ċara fuq edukazzjoni inklużiva:

   - Pożizzjoni nazzjonali aċċettabbli dwar il-kunċett edukattiv tat-'tracking'.

   - Konnessjoni bejn provediment ġenerali u speċjali; privenzjoni ta' emerġenza ta' ħtiġijiet speċjali.
3. Stqarrijiet ta' valur li nsibu fil-kurrikulu bħala punt ta' referenza:

   - Kurrikulu;

   - Ċertifikazzjoni.
4. Sistemi ta' assessjar inklużiv:

   - Identifikazzjoni ta' SEN bl-użu eż. assessjar formattiv/kontinwu għal approċji ta' tagħlim ma' dawk li jkunu qegħdin jitgħallmu kollha.

5. Parteċipazzjoni ta' studenti u ġenturi fit-teħid tad-deċiżjonijiet.
6. Konnessjoni bejn edukazzjoni inklużiva u tagħlim ta' matul il-ħajja/intervenzjoni f'età bikrija.
7. Inċentivi f'riżorsi u allokazzjoni ta' sostenn; għoti ta' riżorsi minn qabel lil skejjel kontra għoti ta' riżorsi bbażati fuq dijanjożi ta' ħtiġijiet.
8. Iffinanzjar u proċessi marbuta ma' mekkaniżmi ta' għoti ta' fondi.
9. Kooperazzjoni intersettorjali.
10. Sistemi ta' sostenn interdixxiplinarji.
11. Taħriġ tal-għalliema/taħriġ tal-professjonisti (inklużi l-użu ta' informazzjoni u t-teknoloġija tal-komunikazzjoni – ICT).
12. Sistemi/kulturi li jinkoraġġixxu kollaborazzjoni u xogħol f'team bejn l-għalliema.
13. Differenzazzjoni, diversità u edukazzjoni multikulturali fil-klassi.
14. Sistemi ta' kontabiltà.

Fil-qafas ta' dan il-proġett, 3 oqsma mill-14-il qasam mogħtija hawn fuq intgħażlu għal aktar eżaminazzjoni: leġiżlazzjoni, parteċipazzjoni u ffinanzjar.

## 7.2 Ħtiġijiet

Hawn taħt insibu sett ta' ħtiġijiet żviluppati mill-esperti tal-proġett, li għandhom x'jaqsmu mat-tliet oqsma ewlenin tal-kundizzjonijiet tal-policy (leġiżlazzjoni pateċipazzjoni, iffinanzjar) li dehru li kien hemm qbil fuqhom għal skop ta' edukazzjoni inklużiva fil-livell nazzjonali.

*Ħtiġijiet fil-qasam tal-leġiżlazzjoni*

F'dan il-qasam, il-bilanċ u l-konsistenza bejn l-edukazzjoni inklużiva u inizjattivi ta' policy oħra għandha tiġi assessjata. Dan jinħtieġ li jkun hemm l-eżekuzzjoni ta' dan li ġej:

1. Konsistenza sħiħa ta' leġiżlazzjoni nazzjonali fuq l-edukazzjoni ma' akkordi internazzjonali.
2. Konsistenza sħiħa fejn jidħlu liġijiet nazzjonali differenti.
3. Leġiżlazzjoni fuq l-edukazzjoni li tkopri l-livelli edukattivi kollha.

4. Leġiżlazzjoni fuq l-edukazzjoni li tindirizza l-kwalità tat-taħriġ u l-professjonalizzazzjoni tal-għalliema, il-psikologi, personnel mhux-edukattiv, eċċ. b'attenzjoni speċjali fuq id-diversità.
5. Il-leġiżlazzjoni fuq l-edukazzjoni tindirizza bis-sħiħ aspetti ta' flessibiltà, diversità u ekwità fl-istituzzjonijiet edukattivi kollha għall-istudenti kollha.
6. Il-leġiżlazzjoni fuq l-edukazzjoni tindirizza bis-sħiħ l-aspetti ta' monitoraġġ u kontabiltà għall-istituzzjonijiet edukattivi u l-istudenti.

*Ħtiġijiet fil-qasam tal-parteċipazzjoni*

F'dan il-qasam, id-dħul fl-iskejjel u l-għażla tal-policies kif ukoll aspetti ta' kurrikulu, identifikazzjoni ta' ħtiġijiet edukattivi u assessjar għandhom jiġu assessjati. Dan jinħtieġ l-eżekuzzjoni ta' dan li ġej:

1. Il-policies tad-dħul jippromwovu aċċess għal skejjel mainstream għall-istudenti kollha.
2. Il-gwidi nazzjonali tal-kurrikulu, jekk preżenti jiffaċilitaw bis-sħiħ l-inklużjoni tal-istudenti kollha.
3. Is-sistemi nazzjonali ta' ttestjar, fejn jeżistu, isegwu bis-sħiħ il-prinċipji ta' assessjar inkluživ u ma jservux bħala xkiel għall-parteċipazzjoni fi proċeduri ta' assessjar jew tagħlim.
4. L-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet edukattivi u sistemi ta' assessjar jippromwovu u jsotnu l-inklużjoni bis-sħiħ.

*Ħtiġijiet fil-qasam tal-iffinanzjar*

F'dan il-qasam, għandhom jiġu assessjat l-iffinanzjar u l-ipproċessar marbutin ma' mekkaniżmi ta' għoti ta' fondi, kif ukoll l-inċentivi ta' provediment ta' riżorsi u allokazzjoni ta' sostenn. Dan jinħtieġ l-eżekuzzoni ta' dan li ġej:

1. Policy fuq l-iffinanzjar issostni bis-sħiħ l-edukazzjoni inkluživa.
2. Policy ta' ffinanzjar hija mibnija bis-sħiħ fuq ħtiġijiet edukattivi.
3. Policy fuq iffinanzjar tiffaċilita bis-sħiħ tweġibiet flessibbli, effettivi u effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-istudenti.
4. Policy fuq iffinanzjar tippromwovi bis-sħiħ sostenn minn servizzi relatati u kollaborazzjoni intersettorjali neċessarji.

## 7.3 Indikaturi

*Indikaturi fil-qasam tal-leġiżlazzjoni*

Indikatur għal Ħtieġa 1:

Konsistenza sħiħa fil-leġiżlazzjoni nazzjonali fuq l-edukazzjoni bi ftehimiet internazzjonali:

1.1 Konsistenza ta' leġliżlazzjoni nazzjonali fuq edukazzjoni bi ftehimiet internazzjonali (eż. L-istqarrija Salamanca, il-Konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti, eċċ.).

Indikatur għal Ħtieġa 2:

Konsistenza sħiħa bejn il-liġijiet nazzjonali differenti:

2.1 Konsistenza bejn liġijiet nazzjonali differenti (eż. liġi kontra d-diskriminazzjoni, liġi tal-edukazzjoni, liġi tad-diżabilità, liġi tad-drittijiet tat-tfal, eċċ.).

Indikaturi għal Ħtieġa 3:

3.1 Legiżlazzjoni fuq l-edukazzjoni li tkopri l-livelli edukattivi kollha.

3.2 Proċeduri stabbiliti għal identifikazjoni bikrija għal SEN f'relazzjoni ma' studenti, għalliema u professjonisti oħra u livelli differenti ta' edukazzjoni (eż. qabel l-iskola, edukazzjoni obbligatorja, edukazzjoni ogħla, edukazzjoni kontiwa, tagħlim għal matul il-ħajja).

3.3 Proċeduri stabbiliti għal identifikazzjoni bikrija u assessjar ta' SEN.

3.4 Riżorsi suffiċjenti għal identifikazzjoni bikrija u assessjar ta' SEN.

3.5 Sostenn ta' studenti bl-SEN tibda mill-mument li l-ħtiġijiet jiġu identifikati u titmexxa mill-prinċipji tal-inklużjoni.

3.6 Leġiżlazzjoni antidiskriminatorja li tiffaċilita d-dħul f'taħriġ, u aktar edukazzjoni u edukazzjoni ogħla.

3.7 Data lonġitudinali fuq tranżizzjoni u destinazzjonijiet (xogħol, aktar edukazzjoni u edukazzjoni ogħla, taħriġ) għal gruppi differenti ta' studenti tinġbar mill-gvern jew aġenziji oħra.

3.8 Proċeduri stabbliti għal aċċess, attendenza kontinwa u progress għall-istudenti kollha fl-istadji kollha tal-edukazzjoni

(qabel l-iskola, edukazzjoni obbligatorja, edukazzjoni ogħla u kontinwa).

3.9 L-istituzzjonijiet li jipprovdu taħriġ vokazzjonali jiżviluppaw kurrikula flessibbli li jistgħu jiġu addattati għall-ħtiġijiet u l-aspettazzjonijiet tal-istudenti.

3.10 Proċeduri stabbiliti għas-sostenn neċessarju, miżuri ta' riinfornzar u strumenti li jiffaċilitaw l-informazzjoni u l-iggwidar tal-istudenti bl-SEN.

Indikatur għal Ħtieġa 4:

Il-leġiżlazzjoni fuq l-edukazzjoni tindirizza l-kwalità tat-taħriġ għal għalliema, pskologi, personnel mhux-edukattiv, eċċ. b'attenzjoni speċjali għad-diversità:

4.1 Taħriġ inizjali għall-għalliema u taħriġ għall-għalliema b'korsijiet ta' aġġornament jinkludu edukazzjoni speċjali jew aspetti relatati mal-inklużjoni.

4.2 L-għalliema u staff ieħor huma sostnuti biex jiżviluppaw l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet dwar l-inklużjoni għalhekk jitħejjew biex iservu ta' għajnuna għall-istudenti f'dak kollu li jkollhom bżonn fit-tagħlim mainstream.

4.3 Opportunitajiet ta' żvilupp professjonali u korsijiet biex jittejbu l-ħiliet pedagoġiċi tal-għalliema jkunu jistgħu jinkisbu.

4.4 L-għalliema jippjanaw, jgħallmu u jistudjaw flimkien.

4.5 Ir-riżorsi ddedikati jitqiegħdu fil-ġenb biex jintużaw għal skop ta' żvilupp professjonali approprijat li jkollu x'jaqsam mal-ħtiġijiet speċjali fl-edukazzjoni inklużiva.

Indikaturi għal Ħtieġa 5:

Il-leġiżlazzjoni fuq l-edukazzjoni tindirizza bis-sħiħ aspetti ta' flessibiltà, diversità, u ekwità fl-istituzzjonijiet edukattivi kollha għall-istudenti:

5.1 Ir-regoli/proċessi huma stabbiliti għal kooperazzjoni intersettorjali bejn l-edukazzjoni, is-saħħa, is-setturi soċjali, eċċ.

5.2 Ir-regoli/proċessi huma stabbiliti għal kooperazzjoni bejn is-sistema edukattiva formali u l-providers mhux-statutorji tal-edukazzjoni.

5.3 Ir-regoli/proċessi huma stabbiliti biex jirrispettaw opportunitajiet indaqs, trattament ugwali u mhux-diskriminatorju kontra l-istudenti kollha mingħajr eċċezzjonijiet.

5.4 Ir-regoli/proċeduri huma stabbiliti għal riżorsi umani u materjali biex jaqblu mal-ħtiġijiet kollha tal-istudenti.

5.5 Ir-regoli/proċessi huma stabbiliti għal adattazzjonijiet flessibbli tal-kurrikulu u l-Pjanijiet Edukattivi Individwali.

5.6 Ir-regoli/proċessi huma stabbiliti għal kull student biex jirċievi ċertifikat meta tispiċċa l-iskola.

5.7 Proċeduri stabbiliti għall-konsultazzjoni ta' organizzazzjonijiet mhux-statutorji u sistemi informali ta' edukazzjoni.

5.8 Regoli/proċessi huma stabbiliti għal studenti/ġenituri/professjonisti f'dak li jirrigwardja t-teħid tad-deċiżjonijiet.

5.9 Proċeduri stabbliti biex jittranġaw xi differenzi.

5.10 Regoli/proċessi li jsiru għal skop ta' flessibiltà, jipprovdu opportunitajiet għal emendar li jgħin il-ħtiġijiet u l-aspettazzjonijiet tal-istudenti, l-għalliema, il-ġenituri, fl-istadji differenti tas-sistema edukattiva.

Indikaturi għal Ħtieġa 6:

Il-leġiżlazzjoni fuq l-edukazzjoni tindirizza bis-sħiħ l-aspetti ta' monitoraġġ u kontabiltà għall-istituzzjonijiet edukattivi u l-istudenti:

6.1 Regoli stabbiliti għal sistemi biex tiġi mmonitorjata l-effettività tal-provediment (bħal evalwazzjoni tiegħek innifsek, ispezjoni, immeppjar tal-provediment).

6.2 Regoli stabbiliti għal sistemi biex jimmonitorjaw l-effettività tas-sostenn tat-tagħlim u t-tgħallim.

6.3 Regoli stabbiliti għal sistemi biex jimmonitorjaw livelli ta' parteċipazzjoni (reklutaġġ, rati ta' kemm wieħed jibda u jispiċċa l-kors; kemm jaqgħu u kemm jiġu esklużi) għal gruppi differenti ta' studenti.

*Indikaturi fil-qasam tal-parteċipazzjoni*

Indikaturi għal Ħtieġa 1:

Policies ta' ammissjoni fis-sens ta' dħul jippromwovu aċċess għall-iskola mainstream għall-istudenti kollha:

1.1 Regoli stabbiliti għal skejjel biex jipprovdu opportunitajiet ta' tagħlim għall-istudenti kollha indipendentement mill-ambjent jew l-abilitajiet tat-tagħlim.

1.2 Regoli stabbiliti għal faċilitajiet adattati għat-trasport.

1.3 Regoli stabbiliti għal aspetti ta' aċċessibiltà fil-kostruzzjoni ta' bini, tagħmir, infrastruttura.

1.4 Regoli stabbiliti għal għodod tekniċi li jkunu f'posthom għall-istudenti kollha skont il-ħtiġijiet individwali.

1.5 L-ideat tal-istudenti fuq l-ambjent tat-tagħlim tagħhom jittieħdu inkonsiderazzjoni.

1.6 Numri u persentaġġi ta' studenti b'SEN fil-klassijiet mainstream, unitajiet fl-iskejjel mainstream, istituzzjonijiet ta' tagħlim segregat, esklużi mis-sistema edukattiva, jinġabru flimkien u jiġu mmonitorjati f'livelli differenti tas-sistema.

1.7 Numri u persentaġġi ta' studenti b'SEN li jingħataw l-edukazzjoni tagħhom taħt ir-responsabiltà tas-saħħa, l-għajnuna soċjali (tfal li jkunu taħt xi kustodja) jew żgħażagħ li jkunu taħt il-ġustizzja, tfal id-dar, jinġabru u jiġu mmonitorjati f'livelli differenti tas-sistema.

<u>Indikaturi għal Ħtieġa 2:</u>

Il-gwidi nazzjonali tal-kurrikulu, jekk preżenti, jiffaċilitaw bis-sħiħ l-inklużjoni tal-istudenti:

2.1 Regoli stabbiliti għal flessibiltà fil-kurrikulu biex jintlaħqu ħtiġijiet edukattivi individwali.

2.2 Regoli stabbiliti għal kurrikula li jkunu relatati ma' ħtiġijiet tal-ħajja reali ta' studenti u mhux biss ma' tagħlim akkademiku.

<u>Indikaturi għal Ħtieġa 3:</u>

Sistemi ta' ttestjar nazzjonali, fejn ikunu jinstabu, isegwu bis-sħiħ il-prinċipji tal-assessjar inklużiv u ma jkunux ta' xkiel fil-parteċipazzjoni fil-proċeduri tal-assessjar jew tagħlim:

3.1 Regoli stabbiliti għal medda wiesgħa ta' riżultati ta' tagħlim li jiġu vvalorizzati.

3.2 Regoli stabbiliti għal assessjar li jinkludu u jinkoraġġixxu s-suċċessi tal-istudenti.

3.3 Regoli stabbilti għall-medda ta' assessjar użata biex tħalli lill-istudenti juru l-ħiliet tagħhom.

3.4 Regoli stabbiliti għall-akkomodazzjoni u l-modifkazzjoni ta' metodi ta' ttestjar u l-għodod li wieħed jikseb meta jkun hemm bżonn.

<u>Indikaturi għal Ħtieġa 4:</u>

L-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet edukattivi u sistemi ta' assessjar jippromwovu bis-sħiħ u jsostnu l-inklużjoni:

4.1 Proċeduri mhumiex diskriminatorji u bbażati fuq approċji tal-aħjar prattika.

4.2 Identifikazzjoni inizjali ta' ħtiġijiet ta' studenti ssir minn punt ta' ħtiġijiet primarji u ħolistiċi li torbot mhux biss mat-tagħlim u t-tgħallim, imma anke l-iżvilupp IEP u l-proċeduri tal-istudji li jsegwu.

4.3 Regoli stabbiliti għas-sistema ta' identifikazzjoni ta' ħtiġijiet tkun iggerjata lejn l-esperjenzi edukattivi ta' kull student.

*Indikaturi fil-qasam tal-iffinanzjar*

<u>Indikaturi għal Ħtieġa 1:</u>

Policy fuq l-iffinanzjar issostni bis-sħiħ l-edukazzjoni inklużiva:

1.1 Għoti ta' fondi bażiċi lill-iskejjel biex jgħinuhom jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-istudenti kollha bi ħtieġa minima li jkollhom imorru għal fondi addizzjonali għal ħtiġijiet speċifiċi.

1.2 Għoti ta' fondi essenzjali u adekwati għal aċċess sħiħ għal edukazzjoni inklużiva għall-istudenti hija pprovduta mill-gverniijiet u ma tiddependix fuq organizzazzjonijiet ta' karità.

1.3 L-għoti ta' fondi jgħinu fil-provediment ta' edukazzjoni inklużiva għall-istudenti kollha mibnija fuq ħtiġijiet, abilitajiet, saħħa u interessi.

1.4 Regoli stabbiliti għal kriterji ta' eleġibiltà għal livelli ta' allokazzjoni addizzjonali ta' fondi, li jibdew mil-livell tas-sistema (oqsma lokali/skejjel) u mbagħad biss, fil-livell tal-istudent individwali (biex b'hekk wieħed jevita llejbiljar li ma jgħinx).

<u>Indikaturi għal Ħtieġa 2:</u>

Il-policy fuq l-iffinanzjar hija msejsa bis-sħiħ fuq il-ħtiġijiet edukattivi:

2.1 Il-policy hija msejsa (primarjament) fuq l-identifikazzjoni tal-provediment meħtieġ aktar milli tal-kategoriji/lejbils tad-diffikultajiet tal-istudent.

2.2 Is-sistema edukattiva tadatta għall-ħtijiet tal-istudent u mhux bil-kontra.

2.3 Definizzjoni ċara ta' 'ħtiġijiet edukattivi' hija adottata f'leġiżlazzjoni relevanti.

2.4 Il-ħtiġijiet għal kooperazzjoni intersettorjali huma indirizzati.

2.5 Il-fondi huma pprovduti għal identifikazzjoni bikrija ta' SEN u intervent bikri bħala tweġiba għal studenti identifikati b'SEN ('bikrija' tirreferi għal età ta' student u/jew ta' sinjali bikrin ta' diffikultajiet fit-tagħlim fi kwalunkwe età).

2.6 Il-ġenituri u l-istudenti kkonċernati għandhom influenza sinifikanti fuq l-identifikazzjoni/id-deskrizzjoni tal-ħtiġijiet tal-istudenti u l-provediment neċessarju.

2.7 Fondi approprijati huma allokati biex jidentifikaw u jwieġbu għall-ħtiġijiet matul l-istadji tal-ħajja (minn qabel l-iskola għall-iskola primarja, għall-iskola sekondarja u l-università) u biex issotni t-tranżizzjoni minn stadju għal ieħor.

2.8 Il-provediment u l-użu effettiv ta' teknoloġiji assistivi huma sostnuti, inklużi teknoloġiji ġodda u emerġenti, biex jgħinu biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet tal-istudenti u jippromwovu indipendenza/awtonomija.

2.9 L-istudenti bl-SEN huma ttrattati b'mod ekwu, billi jingħata każ tal-ġeneru, l-età, l-etniċità, ir-reliġjon, id-diżabiltà, l-istatus soċjo-ekonomiku u l-ambjent tar-residenza.

<u>Indikaturi għall-Ħtieġa 3:</u>

Il-policy ta' ffinanzjar komplut jiffaċilita t-tweġibiet għall-ħtiġijiet b'mod flessibbli, effettiv u effiċjenti:

3.1 Ir-regoli u l-proċeduri relatati mal-allokazzjoni tar-riżorsi jinftiehmu faċilment mill-professjonisti, il-ġenituri u ċ-ċittadini/il-pubbliku ġenerali.

3.2 Ir-riżorsi jistgħu jiġu mmaniġġjati b'mod flessibbli fl-iskola u l-livelli lokali (filwaqt li jassiguraw superviżjoni suffiċjenti u

ċentrali u koordinazzjoni biex jevitaw dupplikazzjoni bla bżonn).

3.3 Il-fondi huma allokati fuq bażi ta' perjodiċità għall-privenzjoni u identifikazzjoni bikrija.

3.4 Ir-regoli huma stabbiliti billi jingħata każ tal-aħjar soluzzjoni f'kull qasam, f'termini ta': effettività, effiċjenza, kompetenza, kwalità, eċċ.

Indikaturi għal Ħtieġa 4:

Il-policy għall-iffinanzjar komplut tippromwovi sostenn minn servizzi relatati u kollaborazzjoni neċessarja u intersettorjali:

4.1 Il-proviżjoni ta' servizz ta' sostenn żviluppat tajjeb b'livell adekwat ta' expertise professjonali fil-qasam tal-edukazzjoni inklużiva.

4.2 Kooperazzjoni effiċjenti u effettiva fost istituzzjonijiet (dipartimenti tal-gvern, skejjel, servizzi soċjali u saħħa).

4.3 Professjonijiet (psikologi, tobba, għalliema, social workers u amministraturi, kemm jekk ikun speċjalista tal-SEN jew le) jaħdmu flimkien.

4.4 Provediment ta' fondi adekwati huma allokati biex ikopru l-attivitajiet tan-networking professjonali.

## 8. RABTIET PROĊEDURALI MAL-PROĠETTI TEMATIĊI

F'sezzjoni 7 kienu introdotti l-oqsma, il-ħtiġijiet u l-indikaturi għal edukazzjoni kif ukoll bħala rabta ma' indikaturi speċifiċi. Is-saħħa ta' dan l-approċju tista' tiġi sottolineata, billi nispjegaw kif dan l-approċju jidħol fil-proċeduri użati fi proġetti li huma relatati ma' kontenut, li s-soltu jkun fih rakkomandazzjonijiet relatati ma' xi qasam tematiku partikolari.

Fi ħdan l-proġetti tematiċi tal-Agency, l-ewwel pass huwa dejjem l-identifikazzjoni tal-qasam fi ħdan l-għalqa tal-edukazzjoni li jinħtieġ aktar attenzjoni. L-Agency għandha żewġ approċji għal din l-identifikazzjoni. L-ewwel approċju huwa li dejjem nħallu għal proċeduri ddisinjati biex nilħqu ħtiġijiet kurrenti tal-pajjiżi membri tal-Agency li ma nistgħux nkunu nafu bihom minn qabel u li ma nistgħux nippjanawhom għalihom minn qabel. It-tieni approċju huwa ġabra tax-xogħol tal-pajjiżi tal-Agency dwar il-ħtiġijiet kurrenti, emerġenti u futuri li jkollhom bżonn jiġu investigati. Dawn il-ħtiġijiet jintgħażlu fid-dawl tal-prioritajiet Nazzjonali għal edukazzjoni bi ħtiġijiet speċjali kif ukoll fil-livell Ewropew ta' prioritajiet għal edukazzjoni mqajma mill-Kunsill tal-Ministri tal-Edukazzjoni. Dawn il-ħtiġijiet huma kkonsolidati fil-proġetti tematiċi tal-Agency.

It-tieni pass għal proġetti tematiċi hu – lil hinn mill-istudju tal-letteratura xjentifika internazzjonali relevanti fil-qasam magħżul – li tinġabar evidenza empirika minn esperti madwar l-Ewropa. Jiġu applikati diversi metodi għal dan il-ġbir (inklużi studji ta' każ u żjajjar fuq il-post tat-tiftix).

Fit-tielet pass, jiġi applikat proċess ta' raġunar induttiv u l-ġeneralizzazzjonijiet isiru fuq istanti individwali. Dawn il-ġeneralizzazzjonijiet jiġu espressi bħala rakkomandazzjonijiet. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jesprimu azzjoni biex jinksibu kundizzjonijiet favoreovli għal edukazzjoni inklużiva fil-qasam magħżul.

Ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jiġu traskritti fi ħtiġijiet mhux billi niffukaw biss fuq l-azzjonijiet meħtieġa, imma fuq ir-riżultati tal-azzjonijiet bħala kundizzjonijiet favorevoli għal edukazzjoni inklużiva.

Figura 6 turi l-passi differenti li segwew il-proġetti tematiċi tal-Agency.




**Figura 6: Irbit proċedurali ma' proġetti tematiċi**

# 9. PASSI OĦRA

L-objettiv tal-proġett kien li jiġu żviluppati sett ta' indikaturi għal-livell nazzjonali, imma applikabbli fil-livell Ewropew li jagħti lok għal studju ta' kundizzjonijiet f'kull pajjiż li jista' jgħin jew ifixkel l-iżvilupp tal-edukazzjoni inklużiva fl-iskejjel. Dan ipprovda wkoll qafas u metodoloġija li ssostni pajjiżi li jiżviluppaw indikaturi fil-livell nazzjonali fl-oqsma li huma jqisu li huma relevanti għalihom. Ir-riflessjonijiet t'hawn taħt għandhom l-għan li jipprovdu proposta biex l-indikaturi jkunu operazzjonali billi jiżviluppaw indikaturi speċifiċi u jagħmluhom applikabbli għall-monitoraġġ u t-tqabbil bejn il-pajjiżi.

*Analiżi ta' ħtiġijiet ġenerali bejn it-tliet oqsma*

Insibu indikazzjonijiet li jistgħu jkunu possibbli biex jidentifikaw ħtiġijiet ġenerali bejn it-tliet oqsma u biex jiżviluppaw indikaturi għal kull qasam. Pereżempju, ħtieġa bħal 'konsistenza ma' standards internazzjonali fuq edukazzjoni inklużiva' tista' tiġi tradotta għal indikaturi individwali f'leġiżlazzjoni, parteċipazzjoni u ffinanzjar. Approċju ta' dan it-tip jista' jwassal għal lista ta' indikaturi koorenti u komprensivi u tista' tintuża biex 'tiġġenera' indikaturi fejn il-lista kurrenti għandha l-vojt.

*Għażla ta' settijiet ta' indikaturi iżgħar*

Sottosett ta' indikaturi jipprovdu lill-pajjiżi għodda li biha jqabblu l-kisbiet tagħhom ma' dawk ta' pajjiżi oħra. Dawn is-settijiet iżgħar ta' indikaturi għandhom jintgħażlu minn dawk li jagħmlu l-policy (jiġifieri l-Membri tal-Bord Rappreżentattiv tal-Agency) fuq il-bażi tar-relevanza perċeputa għal tqabbil mutwu fil-livell Ewropew. Imsejjes fuq sett ta' indikaturi iżgħar, proġett ta' follow-up jista' jiżviluppa indikaturi speċifiċi biex l-indikaturi jkunu jistgħu jitkejlu.

*Definizzjoni ta' indikaturi speċifiċi*

L-għan ta' dan il-pass ikun li kull indikatur speċifiku jipprovdi evidenza li ċerta kundizzjoni teżisti, jew ċerti riżultati nkisbu jew ma nkisbux. Dawn l-indikaturi speċifiċi jkunu jistgħu jgħinu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet biex jassessjaw il-progress lejn il-kisba tal-outputs mistennija, ir-riżultati-miri, l-għanijiet, u l-objettivi tal-policies jew il-programmi (monitoraġġ). L-indikaturi kif deskritti f'sezzjoni 7 jistgħu t-tnejn jinkludu speċifikazzjoni ta' miri kwantifikabbli u kejl ta' kwalità. Kemm l-aspetti kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi jipprovdu

informazzjoni ta' ħtieġa u huma neċessarji meta niġu biex nippreżentaw stampa bilanċjata u raġjonevoli ta' moviment lejn il-ksib tal-għanijiet u l-objettivi. Madankollu, filwaqt li nżommu l-grupp fil-mira f'moħħna, l-indikaturi speċifiċi kollha għandhom wkoll, fost ħwejjeġ oħra, jipproduċu informazzjoni sempliċi li hija komunikabbli u li tinftiehem faċilment kemm minn min jipprovdiha kif ukoll minn min juża l-informazzjoni. L-indikaturi speċifiċi mbagħad jistgħu jkunu fattur – fost ħafna – li jistgħu jintużaw biex jittieħdu deċiżjoniiet dwar direzzjonijiet u prijoritajiet ta' policy.

Kif deskritt f'sezzjoni 7, indikaturi speċifiċi jagħmlu l-indikatur rispettiv operazzjonali. Biex jintlaħaq dan l-għan, indikaturi speċifiċi jistgħu jiġu żviluppati flimkien ma' ieħor jew oħrajn fuq dawn il-linji:

- L-indikatur speċifiku jikkwantifika aspett partikolari ta' indikatur rispettiv;
- L-indikatur speċiku juri jekk ċertu aspett tal-indikatur ikunx jeżisti jew le (eż. bħala post ta' kontroll);
- L-indikatur speċifiku jiddefnixxi l-medda li għaliha l-attribut tal-kwalità tal-indikatur tista' tiġi osservata (livell ta' kwalità);
- L-indikatur speċifiku jiddettalja l-medda li fiha policies implimentati jiddifferixxu jew jaqblu ma' leġiżlazzjoni jew ftehimiet miktuba (livell ta' koerenza);
- L-indikatur speċifiku jassessja l-medda li s-sistema tassigura li l-kwalità tal-kundizzjoni (espressa fl-indikatur) tingħata fil-każijiet kollha (livell ta' kemm ġiet segwita).

Kull indikatur speċifiku għandu jkollu razzjonal u definizzjoni qasira iżda li ma tkunx ambigwa.

*Il-ħolqien ta' skali adattati għal indikaturi speċifiċi*

F'pass sussegwenti, l-iskali jinħtieġ li jiġu żviluppati għal kull indikatur speċifiku. F'dak li għandhom x'jaqsmu l-indikaturi speċifiċi, l-iskali potenzjali jistgħu jkunu minn tip bipolari (eż 'jeżisti/ma jeżistix) sa skali ordinali b'għadd adattat ta' valuri, kull wieħed distingwibbli b'mod ċar u mutwalment distint (eż. 'konsistenti/minuri inkonsistenzi/maġġuri inkonsistenzi/mhu konsistenti xejn'). Indikaturi speċifiċi kwantitattivi għandhom jiġu espressi bħala proporzjonijiet (jiġifieri 1 f'4).

Għal indikaturi kwantitattivi speċifiċi, il-metodu tal-kalkulazzjoni jinħtieġ li jiġi elaborat u s-sorsi u l-kwalità tad-data jinħtieġ li jiġu definiti. Għal indikaturi speċifiċi ta' kwalità, il-linji ta' gwida huma meħtieġa li jnaqqsu s-suġġettività tal-iskali billi jingħataw id-dettalji f'liema sitwazzjonijiet liema valur għandu jingħażel, u liema livell għandu jingħażel fil-każ ta' dubju jew ambigwità.

*L-identifikazzjoni tal-evalwaturi*

Partikolarment fil-qasam tal-miżuri kwalitattivi, il-fehma suġġettiva tal-evalwatur tinfluenza l-għazla tal-iskala tal-valuri. Per eżempju, jekk indikatur speċifiku jkun irid ikejjel il-livell ta' parteċipazzjoni ta' ġenituri fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjoni, il-fehma tal-ġenituri tista' tkun tiddifferixxi minn dik tal-professjonisti. Konsegwentement, ikun jinħtieġ li jkun hemm pass ieħor biex jiġi investigat liema grupp għandu jiġi involut, biex ir-riżultati tal-evalwazzjoni jipprovdu fehma realistika tal-aspett tal-policy partikolari.

*Inżidu l-qbil bejn ir-raters*

Minħabba li l-indikaturi speċifiċi għandhom l-għan fl-ewwel istant bħala għodda għall-pajjiżi, is-sett ta' indikaturi jiġu ddisinjati biex jintużaw fi proċeduri ta' evalwazzjoni tiegħek innifsek. Madankollu, is-suġettività tal-iskali (ara l-paragrafu ta' qabel) kif ukoll il-qbil fqir bejn ir-*raters* huma riskji potenzjali li jiġu b'approċji li mhumiex assessjar newtrali pprovdut minn awtorità ta' assessjar waħda. Biex tagħmel it-tikjil komparabbli bejn il-pajjiżi jinħtieġ li min ikun qiegħed jieħu l-kejl (jiġifieri r-*rater*) ikollu indipendenza sħiħa. Qbil bejn ir-*raters*, magħruf ukoll bħala rijabilità jew konkordanza bejn ir-*raters*, huwa l-grad ta' qbil bejn ir-*raters* differenti fir-rigward tal-istess aspett li jkunu qegħdin jiġġudikaw. Aktar ma jkun il-qbil bejn ir-*raters*, aktar tkun l-omoġeneità u l-konsensus fl-irrejtjar li jingħataw mill-ġudikaturi differenti. Hija ħaġa ċara, li kull strument użat fl-irrejtjar għandu jkollu grad suffiċjenti ta' din il-karatterisitika ta' kwalità. Jekk *raters* differenti ma jaqblux biżżejjed, ikun hemm bżonn ta' aktar tikjil biex jittejjeb il-grad ta' qbil, li jista' jinkiseb billi jinħadmu mill-ġdid l-iskali jew it-taħriġ imtejjeb tar-*raters*.

*Aggregazzjoni tad-data, diżaggregazzjoni u interpretazzjoni*

Għal ċerti indikaturi speċifiċi jista' jkun neċessarju li tiddeskrivi kif aggregazzjoni ta' data minn livell lokali għal reġjonali għal nazzjonali trid issir, u kif skala ta' valuri kwalitattivi jkollha tkun immaniġġjata f'din il-proċedura ta' aggregazzjoni. Fl-istess ħin, id-dimensjonijiet li

diżaggregazzjoni fuq livell nazzjonali hija adattata għandha tiġi diskussa u deċiża għal kull indikatur speċifiku. Per eżempju, xi indikaturi speċifiċi jistgħu jiġu ddiżaggregati b'livell ta' edukazzjoni, b'livell ta' amministrazzjoni (eż. lokali, reġjonali, nazzjonali), b'generu jew età, b'lokazzjoni ġeografika jew b'tip ta' istituzzjoni.

Finalment, il-mod kif ir-riżutlati ta' kull indikatur speċifiku għandu jiġi interpretat għandu jiġi deskritt. L-irbit ta' din il-gwida mal-interpretazzjoni tad-definizzjonijiet ta' kull indikatur speċifiku jipprevjeni jew għall-inqas jimminimizza – ir-riskju ta' interpretazzjoni minn nies li mhumiex tal-mestier li jagħmlu użu mis-sett ta' indikaturi.

*Disinn tal-proċess*

Fl-aħħar fażi huwa neċessarju li wieħed jirrifletti fuq l-proċeduri essenzjali kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll Ewropew biex jitmexxa l-proċess tal-ġbir tad-data, l-interpretazzjoni u l-feedback. Il-perjodi meta ssir il-ġbir tad-data għandhom jiġu definiti. In-nies responsabbli għall-ġbir tad-data għandhom jiġu appuntati u mogħtija l-istruzzjonijiet. Fuq il-livell Ewropew, il-proċeduri għar-rapportaġġ tar-riżultati hemm bżonn li jkun hemm qbil fuqu u jiġi stabbilit.

*Xogħol fil-futur*

Minħabba riżorsi limitati, diġà kien hemm xi restrizzjonijiet fil-kuntest ta' dan il-pproġett. Kif deskritt f'sezzjoni 7, mil-lista ta' oqsma ta' edukazzjoni inkluživa, tlieta ntgħażlu għal studju aktar mill-qrib, imma jinħtieġ li jsiru oqsma oħra fil-futur. Fl-iżvilupp ta' indikaturi futuri dawn l-oqsma kollha jinħtieġ li wieħed jirrifletti fuqhom, inkella l-indikatur issettjat ma jkunx komplut (jiġifieri ma jkunx fih l-edukazzjoni inkluživa fl-aspetti kollha tagħha). Mingħajr wisq sorpriża, il-lista tal-oqsma fiha xi suġġetti li kienu ġew indirizzati fil-passat jew qegħdin jiġu indirizzati issa fi proġetti oħra tal-Agency. Ir-riżultati-mira (eż. rakkomandazzjonijiet) li wieħed jikseb minn xogħol ta' proġett jistgħu jkunu bażi tajba għal żvilupp ta' indikaturi f'dak il-qasam speċifiku (ara sezzjoni 8 għal spjegazzjoni tal-mod kif ir-rakkomandazzjonijiet jikkorrispondu mal-approċju segwit f'dan ir-rapport). Din il-lista tista' wkoll tinqara bħala aġenda għal suġġetti tal-futur, kemm bi proġetti, seminars, konferenzi, jew avvenimenti oħra, kemm fuq bażi nazzjonali kif ukoll fuq livell Ewropew.

## REFERENZI

Booth, T. and Ainscow, M. 2002. *Index of Inclusion: developing learning and participation in schools,* Bristol: Centre for Studies on Inclusive Education (CSIE)

European Agency for Development in Special Needs Education (ed.) 2007. *Lisbon Declaration*, Available online: http://www.european-agency.org/publications/flyers/lisbon-declaration-young-people2019s-views-on-inclusive-education (Last accessed: 7 July 2009)

European Council 2000. Lisbon European Council 23 and 24 March 2000, Presidency Conclusions, Available online: http://www.europarl.europa.eu/summits/lis1_en.htm (Last accessed: 9 July 2009)

European Commission, Directorate General for Education and Culture (ed.) 2002. *Education and training in Europe: diverse systems, shared goals for 2010; The work programme on the future objectives of education and training systems*, Luxembourg: Office for Official Publications of the European Communities

Hollenweger, J. and Haskell, S. (eds.) 2002. *Quality Indicators in Special Needs Education: an International Perspective*, Lucerne: Edition SZH/SPC

Meijer, C.J.W. (ed.) 2003. *Special education across Europe in 2003: trends in provision in 18 European countries*, Middelfart: European Agency for Development in Special Needs Education

Peacey, N. 2006. *Reflections on the Seminar*, Vienna: European Agency for Development in Special Needs Education (Presentation given at the Assessment Project meeting, 20 May, 2006)

Peters, S., Johnstone, C. and Ferguson, P. 2005. *A Disability Rights in Education Model for evaluating inclusive education*, (Michigan State University, East Lansing, MI, USA), London: Taylor & Francis

Soriano, V., Kyriazopoulou, M., Weber, H. and Grünberger, A. (eds.) 2008. *Young Voices: Meeting Diversity in Education*, Odense: European Agency for Development in Special Needs Education

United Nations Educational, Scientific and Cultural Organization (UNESCO) 1994. *The Salamanca Statement and Framework for Action on Special Needs Education*, Paris: UNESCO

Watkins, A. (ed.) 2007. *Assessment in Inclusive Settings: Key issues for policy and practice*, Odense: European Agency for Development in Special Needs Education

## GLOSSARJU

*Aggregazzjoni tad-data* – kull proċes li fih informazzjoni tinġarr u tiġi espressa fil-forma mqassra, għal għanijiet bħal analiżi statistika.

*Diżaggregazzjoni* – biex tissepara jew tiftaħ id-data fil-komponenti tagħha (u l-oppost ta' aggregazzjoni).

*Indikatur* – indikatur huwa definit bħala parametru, jew valur imnissel minn parametri, li l-għan tiegħu hu li jipprovdi informazzjoni dwar stat ta' fenomenu.

*Miżurabli* – xi ħaġa li b'xi mod jew ieħor tista' titkejjel numerikament.

*Monitoraġġ* – l-att tal-osservazzjoni ta' xi ħaġa (u xi mindaqqiet iż-żamma ta' rikordju tagħha).

*Konsistenza/livell ta' konsistenza* – il-grad ta' uniformità, standardizzazzjoni u ħelsien mill-konradizzjoni fost il-partijiet ta' sistema jew component.

*Operazzjonali* – proċess jew serje ta' azzjonijiet biex jinkiseb riżultat.

*Indikatur operazzjonali* – indikatur li kien definit b'mod li jista' jiġi mkejjel.

*[Ir-] Rater* – persuna li jipprovdi irrejtjar jew assessjar.

*Qbil bejn ir-raters* – il-grad ta' qbil bejn dawk li jirrejtjaw. Dan jagħti r-rata ta' kemm jintlaħaq qbil fl-irrejtjar mogħti minnhom.

*Sensor* – il-parti ta' strument ta' tikjil li jirrispondi direttament għal bidliet fl-ambjent.

## ESPERTI PARTEĊIPANTI

| | | |
|---|---|---|
| L-AWSTRIJA | Karl Hauer | karl.hauer@ooe.gv.at |
| IL-BELĠJU (Il-kommunità li titkellem bil-Fjammingu) | Elisabeth Deschauwer | elisabeth.deschauwer@ugent.be |
| | Caroline Vanderkinderen | caroline.vandekinderen@ugent.be |
| IL-BELĠJU (Il-kommunità li titkellem bil-Franċiż) | Patrick Beaufort | pbeaufort@ecl.be |
| | Jean-Claude De Vreese | jeanclaude.devreese@skynet.be |
| ĊIPRU | Kalomira Ioannou (PAG member) | kioannou@moec.gov.cy |
| | Anastasia Hadjiyannakou | hadjanas@cytanet.com.cy |
| ID-DANNIMARKA | Preben Siersbaek Larsen | Siersbaek@uvm.dk |
| | Hans Henrik Knoop | knoop@dpu.dk |
| L-ESTONJA | Inga Kukk | Inga.kukk@hm.ee |
| FRANZA | José Seknadjé | jose.seknadje@inshea.fr |
| IL-ĠERMANJA | Anette Hausotter | anette.hausotter@iqsh.de |
| | Matthias V. Saldern | vsaldern@uni-lueneburg.de |
| IL-GREĊJA | Maria Michaelidou | smi@acm.org |
| L-IRLANDA | Michael Travers | michael_travers@education.gov.ie |
| L-ISVEZJA | Agneta Gustafsson | agneta.gustafsson@spsm.se |
| | Ingemar Emanuelsson | ingemar.emanuelsson@telia.com |
| L-ISVIZZERA | Judith Hollenweger (PAG member) | judith.hollenweger@phzh.ch |

| | | |
|---|---|---|
| L-ISLANDA | Anna Kristin Sigurðardottir | annakristin@khi.is |
| L-ITALJA | Serenella Besio | s.besio@univda.it |
| IL-LATVJA | Guntra Kaufmane | guntra.kaufmane@vsic.gov.lv |
| IL-LITWANJA | Laima Paurienė | laima.pauriene@spc.smm.lt |
| MALTA | Mario Testa | mario.testa@gov.mt |
| IN-NORVEĠJA | Anders Øystein Gimse (PAG member) | Anders.Oystein.Gimse@utdanningsdirektoratet.no |
| | Svein Nergaard | svein.nergaard@statped.no |
| L-OLANDA | Berthold van Leeuwen | B.vanLeeuwen@slo.nl |
| IL-PORTUGAL | Filomena Pereira | filomena.pereira@dgidc.min-edu.pt |
| SPANJA | Marta Sandoval Mena | marta.sandoval@uam.es |
| IR-RENJU UNIT (L-Ingilterra) | Brahm Norwich | B.Norwich@exeter.ac.uk |
| IR-RENJU UNIT (L-Iskozja) | Martyn Rouse | m.rouse@abdn.ac.uk |
| IR-REPUBBLIKA ĊEKA | Věra Vojtová | vojtova@jumbo.ped.muni.cz |
| L-UNGERIJA | Zsuzsa Hámori-Váczy (PAG member) | zsuzsa.vaczy@om.hu |
| | Zsuzsa Várnai | varnaizsuzsa@level.datanet.hu |

**MT**

Żvilupp ta' sett ta' indikaturi – għal-edukazzjoni inklużiva fl-Ewropa jippreżenta r-riżultati ewlenin ta' proġett tal-Agency li jinvolvi fih 23 pajjiż Ewropew.

L-għan tal-proġett kien li jiżviluppa metodoloġija li twassal għal sett ta' indikaturi addattati għall-iżviluppi tal-monitoraġġ fil-livell nazzjonali, imma li jkunu jistgħu jiġu applikati wkoll fil-livell Ewropew. Sett ta' indikaturi ta' dan it-tip jinħtieġ iffukar ċar fuq il-kundizzjonijiet tal-policy li tista' ssostni jew tfixkel l-iżvilupp ta' edukazzjoni inklużiva fl-iskejjel. Għadd ta' istituzzjonijiet Ewropej u internazzjonali għamlu x-xogħol biex jiżviluppaw indikaturi f'oqsma ta' policy speċifiċi u dan il-proġett bena fuq dawk l-esperjenzi biex jiżviluppa indikaturi fil-qasam tal-edukazzjoni inklużiva.

Il-proġett wassal għal żewġ riżultati ewlenin:

- L-ewwel, l-iżvilupp u t-twettiq ta' approċju minn isfel għal fuq biex jiġu identifikati l-indikaturi relevanti. Dan l-approċju nbena fuq konsensus bejn l-esperti tal-proġett;

- It-tieni, speċifika sett ta' indikaturi inizjali fi tliet oqsma ewlenin – leġiżlazzjoni, parteċipazzjoni, iffinanzjar.

Fuq kollox, l-intenzjoni tal-proġett kienet li jiġu żviluppati indikaturi addattati biex isostnu tqabbil kostruttiv u tagħlim minn naħa għal oħra u viċi versa minn approċji tajba ta' tgħallim – fis-sens li jkunu effettivi u jservu biex l-edukazzjoni inklużiva tkun suċċess.

Dan ir-rapport jippreżenta l-qafas, ir-razzjonal, l-għanijiet u l-objettivi tal-proġett, kif ukoll il-metodoloġija użata biex tiżviluppa s-sett ta' indikaturi għal skop ta' żviluppi ta' monitoraġġ fl-edukazzjoni inklużiva.



European Agency for Development in Special Needs Education